# "Għanja"

*Ta'* Ġużi Micallef Grimaud

LA naf kienet marret għajni bija u lanqas jekk kontx ħlonit imqajjem, niftakar biss li kont ħriġt bi ktieb f'idi u ntfajt biex naqra fuq dikkiena taħt laringa fil-ġnejna tiegħi.

Ix-xemx kienet waslet f'tarf triqtha, u d-dell beda jitwal u jintefa. Fil-bogħod smajt għagħa, jiżdied u jikber; ilħna, għajat, daħk u ċapċip, għana u daqq u kull xorta ta' ħoss ieħor li jinfexx fih il-ħaddiem wara jum xogħol.

Sikta mkien, ħlief f'rokna waħda... il-ġnejna tiegħi, għax sawtuha u keċċewha u ħarrbuha, u hi ġriet u lebbtet sa sabet il-kenn li fittxet bejn erba' ħitan tas-sejjieħ. Ħassejtha tiżdied u tokto: ma' dwari, ġejja, dejjem ġejja, timla l-irkejjen u tintrass sa meta ma kienx hemm fejn toqgħod aktar u bdejt inħossni nniżżilha man-nifs, u mlietni wkoll. Ħassejt sikta ġo fija, ġo ruħi, u sikta ma' dwari. Stħajjiltni l-Ġenna.

Iżda f'daqqa waħda d-dehra bdiet tinbidel quddiem għajnejja b'ħeffa tal-għaġeb. X'ġara? X'kien qiegħed jiġri? Ftit ilu l-ħitan tal-ġnien kont nilħaqhom b'erba' passi lejn kull naħa minn fejn kont, u issa bdew l-erbgħa f'daqqa qishom jiġru lura, lura, jitbiegħdu. Bdejt nogħrok għajnejja; kont qed nistenna li sejjer nara kollox idur bija, imbagħad nistabat ma' l-art, mitluf. Ħsibt li kien ħassni ħażin f'daqqa waħda. Iżda ma ġrali xejn u stagħġibt.

Bdejt nara siġar għoljin u kbar, telgħin ma' dwari mix-xejn, mija, mija u twapet kbar ta' ward imnaqqax b'kull lewn jintrefgħu jfewħu fejn qabel ma kien hemm xejn bdew jogħlew fuq kull naħa dwieli xjuħ u jixxebilku, u jiddendlu minnhom egħnieqed suwed u mimlija; bdew idamdmu 'l hawn u 'l hinn żnażan tqal bil-għasel, u friefet kbar jitbahardu mal-ward u maż-żiffa, u l-għasafar fetħu jgħannu għalenija l-isbaħ għana tagħhom. Is-sikta għabet minn hawnhekk ukoll, u jisboq dik il-ħamba kollha smajt daqq, u ilħna, ilħna ħajja u għaslija ta' qtajja' u qtajja' ta' tfajliet li kont qiegħed inħosshom ma' dwari bla ma kont qed narahom.

Imbagħad waqaf id-daqq, u l-ilħna, u kull ħoss ieħor, u smajt leħen minn warajja jistaqsi:

"Għajjattli?"

Dort u ħarist.

Għajnejja tberrqu u fihom ħassejt tilma ħarsa ta' ibleh.

Wieqfa quddiemi kien hemm l-isbaħ tfajla li qatt rajt tul ħajti. Ridt nitkellem, illissen xi kelma, tkun li tkun, ridt ingħid xi ħaġa; iżda ħlief tgergira ma ħarġitx minn fommi. Ilsieni ħassejtu niexef, bla ħajja.

U hi reġgħet tkellmet.

Leħenha ma kienx ta' bniedma, u jien li qatt ma smajt anġlu jitkellem ħsibt li kont qed nisma' wieħed dak il-ħin.

"Għajjattli u ma stennejtnix?", qaltli, b'rasha mitluqa bil-ħlewwa fuq spallejha x-xellugija.

Bqajt inħares lejha bla tniffist. Il-ħarsa t'ibleh ħassejtha tgħib minn għajnejja. Bdejt nifliha; nifli bil-lajma u bla biża' s-sbuħija ta' wiċċha, ta' rasha, ta' għonqha, ta' suritha. Ħassejt ilsieni jieħu l-ħajja f'daqqa waħda u jiċċaqlaq, u l-kelma li lissint, għaġġbitni.

"Nafek!", għidtilha.

U hi daħket; u daħkitha stħajjiltha tgelgil t'ilma ġieri.

"... imma ma nafx fejn nafek... ma nafx fejn rajtek... ma niftakarx...", komplejt ingħidilha, mifxul.

Imbagħad resqet lejja, bla ħoss, qisha merfugħa mill-art, u qagħdet bilqiegħda ma' ġenbi fuq in-naħa l-oħra tad-dikkiena, u qaltli bi tbissima: "Mela ħa' nfakkrek jiena."

U bdiet tgħidli fuq fuq "novella" li kont ktibt jien stess bl-Ingliż ftit xhur qabel, il-"Flower of the Valley".

"Jiena." qaltli kif temmitha, "kont l-Iżabella li int ħlaqt għal din in-novella. U issa", żiedet tgħidli, "sejra ngħidlek oħra, u warajha oħra." U jien, mistagħġeb, bqajt nismagħha tgħid bla ma tniffist xejn.

Qaltli li hi kienet l-"Elaine" fir-rumanz tiegħi, "The Rivals", u "Marija" f'waħda mill-isbaħ bċejjeċ li qatt ktibt bil-Malti, "Ftakart!"

Imbagħad waqfet għal ftit, u jien ħarist lejha u f'għajnejha lmaħt id-dmugħ. Kont sejjer nistaqsiha l-għaliex kienet qed tibki, iżda ma ħallitnix ingħid kelma.

"Darba nsejtni għal kollox," qaltli, u jiena aktar imgħaġġeb minn qabel, staqsejtha meta.

"Fil-poeżija 'Jien, Waħdi!'," weġbitni. "Fiha rajt il-friefet, u l-ward, u l-bniedem, jinħabbu. U rajt ix-xbieha tiegħek,

waħdek, f'wiċċ l-ilma tan-nixxiegħa, u lili ma rajtnix." U żiedet tgħidli: "Għax tħares lejn in-nisa tad-dinja, int, meta tfittex l-imħabba tar-ruħ? Dawk iweġġgħuk u jbikkuk, imbagħad jitilquk waħdek. Dawn ma jsiru jafuk qatt, għax ma jifhmuk qatt. Jien biss nibqa' tiegħek, jien nibqa' dejjem miegħek sakemm tmut f'did-dinja, u nerġgħu nibdew ingħixu għal dejjem flimkien fid-dinja ta' wara din." Imbagħad għalqet dan il-kliem b'dil-kelma:

"Inħobbok!"

U jiena, mgħaġġeb, mifxul, mitluf, mibluħ, staqsejtha min kienet, u kif saret tafni daqshekk, u l-għala kienet tħobbni, u hi weġbitni:

"Int ridt tħobb, u b'imħabbtek ħlaqt lili, biex tħobbni bil-qawwa ta' ruħek kollha f'kull għanja li ttambar ġo moħħok u f'kull rumanz li tinseġ; u int ridt min iħobbok, u ħlaqt lili bil-poeżija biex inħobbok!"

Kliemha ġenninni.

Qomt u rsaqt aktar ma' ġenbha.

F'għajnejha, żoroq, daħkana, ilmaħt tħeġġeġ l-imħabba tagħha safja għalija, u ruħi xegħlet u ġġennet u għoxiet.

B'id waħda tirtogħod, ħassejtni mmelles xagħarha mdieheb, u fl-oħra ħadt id ċkejkna u rassejtha ma' qalbi, u qalbi ma qabżetx aktar ġo sidri.

"Ismek... ismek, għidli," smajt leħen igħid. Kien leħni u ma għaraftux.

U l-leħen li nagħraf u nibqa' nagħraf għal dejjem, wieġeb:

"Jisimni, Għanja".

"Għanja!" għajjatt jien, "Għanja, inħobbok dejjem!", u rfajt l-id ċkejkna tagħha ma' xofftejja u bistha......

...... u għolew ma' dwarna, f'daqqa, ilħna ta' tfajliet u daqq ta' l-anġli, u għabet "Għanja" minn dirgħajja wkoll... u jien bqajt waħdi, waħdi fil-ġnejna tiegħi, mitluf fis-sikta u d-dalma tal-lejl.

---